38, Triq l-Ordinanza, Il-Belt Valletta VLT 1021
Email: social.security@gov.mt
Websajt: www.socialsecurity.gov.mt
Freephone 153

# Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċju (Persuna Impjegata)

## Ħarsa ġenerali

Il-benefiċjarji tal-Assistenza Soċjali li jsibu mpjieg jistgħu jagħżlu li japplikaw għall-iskema ta' Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċju jekk jaqilgħu tal-inqas il-Paga Minima Nazzjonali jew aktar, u jew ikunu rċevew l-Assistenza Soċjali jew l-Għajnuna għal Diżimpjieg jew Benefiċċju Speċjali għal Diżimpjieg għal mill-inqas sena fl-aħħar 3 snin.

## X'se tingħata

Ir-rata tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċju mogħtija hija persentaġġ ta' l-aħħar rata ta' Benefiċċju Soċjali mogħti bl-esklużjoni ta' bonuses:

- 65% tar-rata tal-benefiċċju għall-ewwel sena
- 45% tar-rata tal-benefiċċju għat-tieni sena
- 25% tar-rata tal-benefiċċju għat-tielet sena
- 25% tar-rata tal-benefiċċju mħallsa lil min iħaddem għal perjodu ta' 3 snin

Il-benefiċjarji jitħallsu kull 4 ġimgħat b'lura u min iħaddem jitħallas kull 12-il ġimgħa b'lura.

Jekk benefiċjarju li jirċievi Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċju u jiġi qiegħed bla xogħol, malli jerġa' jibda jaħdem, it-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċju jerġa' jibda mis-sena li twaqqaf il-benefiċċju.

Tista' tagħmel użu minn Kalkulatur onlajn sabiex tagħmel stima għall-intitolament tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji.

## Eliġibbiltà

Kriterji ta' eliġibbiltà ġenerali:

Applikant li issa huwa nvolut f'impjieg full-time u jaqla' mhux inqas mill-Paga Minima Nazzjonali, u kien jirċievi benefiċċju mhux kontributorju għall-perjodu ta' sena fl-aħħar 3 snin.

## Kif tapplika

Imla u ibgħat l-applikazzjoni onlajn.